**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**
**(Ghawdex)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Appell numru: 17/2017**
**Wara sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar bit-Talba numru: 17/2017MPX datata 29 ta' Mejju, 2024**

**Lawrence Axiak (K.I. 27764G)**

**vs.**

**Victor Joseph Vella (K.I.20386G)**

**Illum 12 ta' Marzu, 2025**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell intavolat mill-intimat Victor Joseph Vella minn decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 29 ta' Mejju, 2024 fejn gie deciz kif isegwi:

'Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq espressi u l-kunsiderazzjonijiet hemm maghmula, dan it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kawza billi:

(a) Jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess attur l-ammont ta' tmien mija u disgha u tmenin Ewro (€889), bl-interessi ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba, sad-data tal-effettiv pagament;

(b) Jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut;

(c) Jichad it-talbiet tal-konvenut hekk kif kontenuti fil-kontro-talba tieghu u per konsegwenza ghalhekk jilqa' l-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut.

L-ispejjez tat-talba u tal-kontro-talba ghandhom ikunu a spejjez tal-konvenut.'

2. Illi d-decizjoni suespost nghatat wara li r-rikorrent appellat Lawrence Axiak intavola avviz li permezz tieghu premetta u talab kif isegwi:

1. 'Illi l-attur gie kkummissjonat mill-konvenut sabiex jesegwixxi xoghlijiet relatati ma' elettriku u ilma;

2. Illi l-istess xoghlijiet gew esegwiti in parti f'showroom fi Triq l-Mgarr, Victoria, Ghawdex, u in parti fi propjeta` fi Triq il-Hamrija, Xewkija, Ghawdex, liema xoghlijiet gew rezi fis-sena elfejn u sittax (2016);

3. Illi x-xoghlijiet rezi lill-konvenut jammontaw ghal tmien mija u disgha u tmenin Ewro, liema ammont il-konvenut qed jirrifjuta li jhallas (invoice anness u mmarkata bhala Dokument 'A');

4. Illi, ghalhekk, kellha ssir din il-kawza.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandux jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma fl-ammont ta' tmien mija u disgha u

tmenin Ewro, rapprezentanti ammont ta' xoghlijiet ta' elettriku u ilma rezi lill-konvenut mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali (ai terminu tal-artikolu 166A tal-Kap 12), spedita lill-konvenut f'Settembru, 2016.'

3. Illi l-intimat appellant oppona ghat-talba u anki prezenta kontro-talba fil-konfront tar-rikorrent kif isegwi:

1. 'L-ammont reklamat mill-attur huwa wiehed esagerat u ma jirriflettix ix-xoghlijiet li saru mill-attur;

2. L-attur abbanduna l-lant tax-xoghol kompletament u l-konvenut kellu jinkariga, a spejjez tieghu, kuntrattur iehor biex jaghmel ix-xoghlijiet;

3. Il-konvenut kellu jhallas ta' xoghlijiet li saru hazin u li kellhom jitrangaw kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. L-attur ma huwiex persuna licenzjata bhala electrician, minbarra li huwa impjegat tal-Gvern, u fl-istess waqt qed jaghmel allegatament ix-xoghlijiet pretizi permezz ta' din il-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.'

Fil-kontro-talba tieghu il-konvenut rikonvenzjonant talab lill-attur rikonvenzjonat jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat ihallas l-ammont ta' €960, liema ammont jirrapprezenta xoghlijiet ta' tiswija ta' affarijiet hziena li saru minn Lawrence Axiak, u li kellu jhallas ghalihom il-konvenut, bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tar-risposta ghall-ittra ufficjali u bl-ingunzjoni tal-attur ghas-subizzjoni.

4. Illi l-intimat hass ruhu aggravat bid-decizjoni tat-Tribunal w'ghalhekk ntavola l-appell odjern nhar it-18 ta' Gunju, 2024. Permezz tal-imsemmi appell huwa ressaq il-fatt u l-aggravji segwenti:

'Il-Fatti

Illi din il-kawza tittratta appalt bejn Lawrence Axiak u Victor Vella dwar xoghol tá moghdija ta l-elettriku, liema xoghol madanakollu, minkejja li kellu jitlesta kollu skont l-arti u s-sena, dan ma kienx il-kaz peress li l-appellat abbanduna l-lant tax-xoghol u l-istess xoghol ma tlestiex. Minkejja dan, l-appellat xorta wahda baghat il-kont shih inkluz ghal xoghol li ma ghamilx u konsegwentement, l-appellant kellu jinkariga li terzi persuni biex ikomplu x-xogholijiet u ghalhekk kien ghalhekk li l-appellant mexxa permezz tal-kontro-talba;

L-Aggravji

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

Illi t-Tribunal naqas milli jaghmel analizi shiha u korretta tal-provi kollha li gew prodotti quddiemu fis-sens li skarta ghal kollox jew ma tax oneru bizzejjed lix-xhieda tal-appellant minbarra ghamel analizi mhux korretta tas-sieghat li allegatament hadem l-appellat fuq il-lant tax-xoghol.

Illi hekk kif xehed ir-rapprezentant tal-iSptar Generali t'Ghawdex, l-appellat jahdem full-time job, pero 'fl-istess hinijiet kien jaghmel ix-xoghol ukoll mertu ta' dawn il-proceduri. Illi minkejja li r-rapprezentant tal-iSptar Generali t' Ghawdex gie mitlub sabiex jipprezenta l-granet tax-xoghol, dan ma giex ipprezentat minhabba, skont ix-xhud, it-trapass taz-zmien. Din ir-raguni tirrazenta l-fatt li l-imsemmi xhud kien ekonomiku fl-informazzjoni li gie mitlub jaghti, xorta wahda ma jnaqqas xejn mill-fatt li s-sieghat hekk mahduma ma jaghmlu l-ebda sens. Infatti, hekk kif

jiddikjara fl-affidavit tieghu, l-appellat jghid li jidher li hadem l-ahhar fl-20 ta Gunju, 2016 - jidher li sa dik l-gurnata kien lahaq hadem 92 siegha xoghol, l-ekwivalenti ta' kwazi 14-il jum bi 8 sieghat kuljum. Anke mad-daqqa t'ghajn, tali kalkulazzioni hija wahda ezagerata, ahseb u ara kemm a bazi ta' bilanc ta' probabbilita′ u fuq linja ta′ gustizzja u ekwita kemm tali ammont jista' jigi gustifikat.

Illi barra minn hekk, it-Tribunal naqas ukoll milli jaghti l-piz probatorju tieghu ghall-provi prodotti in sostenn tal-kontro-talba. Dan meta t-Tribunal jidher li ghalaq ghajnejh ghal kollox u skarta dak li xehed David Haber - il-persuna sid li fil-propjeta' tieghu saru l-allegati xogholijiet. Dawn ix-xogholijiet filfatt jikkombacu ezattament u cioe' huma l-istess xoghol li l-appellat Axiak fil-fatt permezz tat-talba fl-atti ta' dawn il-proceduri qieghed jitlob li jithallas taghhom.

Apparti hekk, l-imsemmi David Haber huwa terz u ghalhekk il-piz probatorju tieghu huwa wiehed akbar u kellu jinghata l-piz misthoqq mit-Tribunal u mhux jigi skartat kompletament;

Illi ghandu jinghad ukoll illi din il-prova ma gietx lanqas kontradetta u minkejja li l-attur appellat kellu d-dritt li jikkontrezamih, dan ghazel li ma jaghmlux.

Fid-dawl ta' dan kollu, t-Tribunal naqas milli jaghti l-piz probatorju misthoqq lil tali versjoni u prova u ghalhekk cahad il-kontro-talba.

Ghaldaqstant, filwaqt illi l-appellanti jaghmel referenza ghall-atti kollha tal-kawza u jirriserva li jaghmel osservazzjonijiet u jressaq dawk il-provi li jkun hemm bzonn, minhabba r-ragunijiet hawn fuq esposti, l-appellanti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex joghgobha tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tad-29 tá' Mejju, 2024 fl-ismijiet fuq premessi u tilqa' l-eccezzionijiet tal-appellant u tichad it-talbiet attrici filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-appellat fir-rigward tal-kontro-talba u tilqa′ l-kontro-talba tal-appellant bl-ispejjez kontra l-appellata.′

5. Illi da parti tieghu l-appellat attur wiegeb ghal dan l-appell nhar il-31 ta' Ottubru, 2024 kif isegwi:

'Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita l-konferma minn din l-Onorabbli Qorti.

Illi fl-ewwel lok u fuq lineja preliminari dan l-appell mhux ammissibbli. Dan ghaliex skont l-artikolu 8 (3) tal-Kap. 380 appelli minn decizjonijiet tat-tribunal ghal Talbiet Zghar jistghu isiru fuq il-mertu biss fejn it-talba teccedi l-€1,500. Illi fil-kaz in ezami jidher bic-car illi l-pern ta' l-appell huwa unikament il-mertu u cioe' l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. It-talba f'din il-kawza hija ta' €890 filwaqt illi t-talba fil-kontro talba hija ta' €960. L-ebda wahda minn dawn iz-zewgt talbiet separati u distinti li f'ghajnejn il-ligi qishom huma kawzi separati (tant li wahda tista tkompli tissussisti anke fil-mankanza ta' l-ohra) ma teccedi l-€1500. Kwindi ghalhekk l-appell bazat merament fuq il-fatti ma huwiex ammissibbli u ghalhekk ghandu jigi rigiettat minn din l-Onorabbli Qorti.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-apprezzament tal-provi kif maghmul mit-tribunal huwa wiehed gust u appozitu u ma hux tali li ghandu jigi varjat. Id-decizjoni tat-Tribunal hija wahda bazata fuq argumenti u fatti u it-Tribunal kellu kull raguni jasal ghad-decizjoni li wasal.

F'cirkostanzi bhal dawn hija massima accettata u mhaddma mill-Qrati taghna illi l-Qorti ta' Revizjoni bhal ma hi din l-Onorabbli Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament li tkun ghamlet il-Qorti Inferjuri jekk ma jkunx hemm ragunijiet gravi ghalfejn taghmel dan.

L-esponenti jemmen illi anke kieku wiehed kellu jikkonsidra l-lanjanzi li ressaq l-appellant fir-rikors tieghu dawn huma tant leggeri li bl-ebda mod ma jistghu ikunu tali li jistghu jimmeritaw xi tibdil fid-decizjoni tat-Tribunal.

Illi l-esponenti jemmen illi dan l-appell wara kawza li ilha ghaddejja mis-sena 2017 huwa wiehed fieragh, L-appellant qed jappella mhux ghax verament kellu ragun jew ghax emmen dan izda merament ghal pika. Appelli bhal dawn jissarfu biss f'hela ta' hin ghal kull min hu involut sa l-Qorti u sia l-avukati u l-partijiet. Fic-cirkostanzi qieghed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tikkonsidra jekk hux il-kaz illi fil-kundanna ta' l-ispejjes tikkundanna lill-appellant ghal spejjez doppji.'

6. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tat-12 ta' Frar, 2020 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

7. Rat l-atti kollha tal-prim'istanza u tal-appell odjern.

**Ikkunsidrat:**

8. Illi dak li jrid jgiti trattat l-ewwel fl-appell odjern hija l-ammissibilita' o meno ta' dan l-appell fit-termini tal-artikolu 8 (3) tal-Kap. 380 (Att dwar Tribunal ghal-Talbiet Zghar) tal-Ligijiet ta' Malta eccepita mill-attur appellat. Il-Qorti rat l-artikolu 8 jaqra kif isegwi:

'8.(1) Appell isir minn deċiżjoni ta' Tribunal lill-Qorti tal-Appell magħmula minn imħallef wieħed biss skont is-subartikolu(9) tal-artikolu 41 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u ProċeduraĊivili. Dak l-appell għandu jsir b'rikors li għandu jiġi ppreżentat fi żmien għoxrin ġurnata.

(2) Indipendentement mill-ammont tat-talba, jista' dejjem isir appell fil-każijiet li ġejjin:

(a) fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal;

(b) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni;

(ċ) fuq kull nuqqas ta' tħaris tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7(2);

(d) meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella.

(3) Ikun hemm ukoll dritt ta' appell fil-każijiet kollha fejn l-ammont in kwistjoni, kalkolat skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3 (2), jaqbeż elf u ħames mitt euro (€1,500).

(4) Meta l-Qorti tal-Appell taqta' li l-appell ikun fondat u ġustifikat, din għandha tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal u għandha hi stess taqta' t-talba u l-kontro-talba oriġinali skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 7.

(5) Il-Qorti tal-Appell tista', jekk tikkonsidra r-rikors frivolujew vessatorju, tiċħad l-appell u tordna lill-appellant biex iħallas penali li m'għandhiex tkun inqas minn mitejn u ħamsin euro (€250) u li ma tkunx iżjed minn elf u mitejn u ħamsin euro (€1,250).Kap. 12.

(6) L-ammont tal-penali għandu jkun dovut u għandu jitħallaslill-Gvern bħala dejn ċivili, likwidu u ċert, u jista' jiġi miġbur mir-reġistratur. L-ordni msemmija fis-subartikolu (5) għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv skont u għall-finijiet tat-Titolu VII tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.'

Illi huwa evidenti li fit-termini tal-artikoli 8 (3) l-appellant odjern ma kellux il-jedd li jappella abbazi tal-ammonti koncernati fil-kaz odjern. L-appellant fit-trattazzjoni tieghu sostna li l-appell tieghu huwa bbazat fit-termini tas-sub-artikolu 2 (d) u cioe' stante li jsostni li d-decizjoni hija nieqsa mill-ekwita.

Illi din il-Qorti regghet rat l-aggravji tal-appellant. Skont l-appellant it-Tribunal naqas milli jaghmel analizi tax-xhieda u l-provi kollha mressqa quddiemu fosthom tat-terz David Haber, filwaqt li jsostni li ma tax oneru bizzejjed lill-provi ohra fosthom ix-xhieda tal-istess appellant u wkoll li ma ghamilx apprezzament tajjeb tal-eccezzjoni tal-appellant li

ma jistax ikun li r-rikorrent hadem 92 siegha f'xahar filwaqt li kien qieghed ukoll jaghmel xoghol full-time x'imkien iehor.

Illi filwaqt li l-apprezzament tal-provi fi stadju ta' appell ma ghandhiex tigi disturbata leggerment, l-allegazzjoni li xi provi jew xhieda gew ghal kollox injorati ghandha tigi analizzata sabiex verament jigi eskluz jew le dan hux minnu. F'kaz li verament giet injorata b'mod assolut xi provi jew xhieda allura verament ikun hemm nuqqas ta' ekwita' b'dana li allura l-appell huwa permissibbli. Abbazi ta' hekk u minghajr ma qed tghid li l-appell f'dan l-istadju huwa b'xi mod gustifikat, din il-Qorti tqis li ma ghandhiex tilqa' din l-eccezzjoni preliminari u ser tghaddi sabiex tanalizza l-mertu tal-appell.'

9. Illi l-Qorti rat li t-Tribunal ibbaza d-decizjoni tieghu kif isegwi:

'Ikkunsidra:

Minn dak li jemergi mix-xhieda prodotta, hemm qbil bejn il-partijiet li l-attur kien gie inkarigat mill-konvenut sabiex jesegwixxi xoghlijiet relatati ma' elettriku u ilma fil-propjeta` tal-istess konvenut. Hemm qbil ukoll li l-materjal li kellu jigi uzat sabiex jigi esegwiti tali xoghlijiet kellu jkun supplit mill-konvenut.

L-attur jghid li kienu diversi dawk id-drabi li dan talab lill-konvenut jipprovdilu l-materjal li kellu bzonn, pero` dan jibqa' ma jigix supplit, bil-konsegwenza li kien hemm xoghlijiet li ma setghux jigu kompletati.

Min-naha tieghu, il-konvenut jghid li l-attur abbanduna l-lant tax-xoghol, bil-konsegwenza li kellu jigi ngaggat kuntrattur iehor sabiex jesegwixxi x-xoghlijiet li bqaghu ma tlestewx, u li kellu jhallas ghalihom hu. Jghid ukoll li kellhom isiru xoghlijiet rimedjali biex jaghmlu tajjeb ghax-xoghol hazin li kien sar mill-attur.

Permezz tal-kontro-talba tieghu, il-konvenut jitlob li l-attur jigi kkundannat ihallsu l-ammont ta' €960, rapprezentanti l-hlas mghoddi minnu lill-kuntrattur li kompla x-xoghlijiet.

L-attur jilqa' ghal dak eccepit mill-konvenut rigward xoghlijiet li ma sarux kif titlob is-sengha billi jaghti spjegazzjoni ta' x'inhuwa skont il-prassi, u x'inhuwa necessarju, izid jghid li kien hemm xoghlijiet li ma setghux isiru minnu fin-nuqqas ta' materjal supplit, u li huwa fl-ebda waqt ma ghamel xoghlijiet relatati mas-sistema tad-drenagg.

In vista ta' dawn il-verzjonijiet, it-Tribunal kellu jgharbel b'reqqa x-xhieda moghtija, bil-ghan li jasal ghal x'seta' verament ikkostitwixxa x-xenarju odjern.

Minn analizi dettaljata tax-xhieda moghtija, dan it-Tribunal seta' jinnota li l-attur baqa' kostanti fil-verzjoni tieghu, fejn, kemm fl-affidavit tieghu, kif ukoll meta mistoqsi in kontro-ezami, ta spjegazzjoni uniformi ta' kemm-il siegha hadem. Jigi nnutat ukoll li, il-konvenut, ma gab l-ebda prova li tista' b'xi mod ixxejjen, jew tikkontradixxi l-ammont ta' hinijiet li l-atturi jasserixxi li gew mahduma minnu, u li ghalihom, ghalhekk, qieghed jitlob hlas. Ir-rapprezentant tal-Isptar Generali ta' Ghawdex, imtella' bhala xhud mill-konvenut, ikkonferma li l-attur huwa effettivament impjegat fi hdan l-istess sptar, pero`, minhabba l-*policy* vigenti rigward ir-ritenzjoni tad-data, ma kienx f'posizzjoni jixhed dwar l-ammont ta' granet ta' leave li seta' ha l-attur tul il-perjodu li fih kien qieghed jesegwixxi xoghlijiet fil-propjeta` tal-konvenut, u lanqas dwar kif kienu mqassma l-granet lavorattivi tul l-istess perjodu. It-Tribunal jinnota wkoll, li, fil-kontijiet gia` mhallsa, fosthom dak datat id-29 ta' April, 2016, l-ammont ta' sighat mahduma tul ix-xahar ta' Jannar, 2016, huma indikati bhala mija u erba' (104). Stante li dan il-kont kien gie mhallas fl-interita` tieghu, u allura s-sighat ta' xoghol hemm indikati accettati bhala mahduma u li ghalihom huwa dovut hlas, it-Tribunal ma jsibx diffikulta` jemmen li n-numru ta' sighat mahduma mill-attur ma kinux minimi.

Illi mix-xhieda prodotta, ma tirrizulta lanqas l-ebda kontestazzjoni dwar jekk ix-xoghlijiet gewx esegwiti jew le, pero` biss li kien hemm uhud mix-xoghlijiet li ma sarux skont l-arti u s-sengha, liema kontestazzjoni tifforma, fil-fatt, il-bazi li fuqha hija msejsa l-kontro-talba.

Illi t-Tribunal ser jghaddi issa biex jevalwa jekk, mix-xhieda prodotta, il-kontro-talba tirrizultax bhala wahda ppruvata o meno. Dak mitlub permezz tal-kontro-talba huwa l-ammont ta' disa' mija u sittin Ewro (€960), ammont, li skont Victor Joseph Vella jirrapprezenta dak l-ammont imhallas minnu ghal xoghlijiet li ma gewx esegwiti skont l-arti u s-sengha minn Lawrence Axiak, u li, sussegwentement, jghid li kellu jaghmel tajjeb ghalihom hu. Mistoqsi diversi drabi dwar kif wasal jikkonkludi li x-xoghlijet elenkati bhala li saru hazin, jew mhux fil-livell rikjest, Victor Joseph Vella jghid li huwa ma huwiex intiz f'dak li ghandu x'jaqsam ma' xoghol fl-ilma u fl-elettriku, pero` jzid jghid li kienet ingibdet l-attenzjoni tieghu dwarhom minn J&F Installations, li jghid li kienu gew inkarigati biex jikkompletaw ix-xoghol. Minkejja li x-xhud David Haber, ikkonferma wkoll bil-gurament tieghu li min ikkompleta x-xoghlijiet kellu jirranga fuq dak li kien, ma jaghti l-ebda dettalji ta' liema xoghlijiet kienu dawn. It-Tribunal jinnota addizzjonalment li fl-ebda waqt ma gie prodott jixhed l-ebda rapprezentant ta' J&F Installations sabiex jikkonferma l-istess. Il-process huwa sajjem ukoll minn x'ammonti individwali jallegaw ma' tali xoghlijiet, biex b'hekk, kemm-il darba t-Tribunal jidhirlu li tali xoghlijiet rimedjali gew effettivament esegwiti, ikun f'posizzjoni jikkonferma wkoll l-ammont pretiz.

Ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut ma rnexxielux jipprova soddisfacentement dak pretiz minnu.'

Illi din il-Qorti rat li t-Tribunal fil-konsiderazzjonijiet tieghu jaghti raguni validissima ghalfejn ma accettax it-tezi tal-konvenut appellant li 92 xoghol kienu wisq f'xahar u dan ghaliex effettivament ghal xahar iehor ta' xoghol fl-istess sena l-istess konvenut hallas lill-attur ghal 104 siegha minghajr problemi. In oltre, din il-Qorti rat li x-xoghol tal-attur,

mill-atti, jippermettilu li jkollu diversi granet rest jew off fost il-gimgha b'dana li huwa plawsibbli li seta jahdem is-sieghat indikati. Din il-parti tal-aggravju mihiex ghalhekk gustifikata.

Illi dwar ix-xhieda ta' David Haber, il-Qorti rat li t-Tribunal ta piz debitu lil din ix-xhieda u mhux injorha kif isostni fl-aggravju tieghu l-appellant. Huwa minnu li dan David Haber la mera li x-xoghlijiet li taghhom qed jitlob il-hlas ir-rikorrent saru u wisq anqas ressaq il-prova ta' kemm gew jiswew l-allegati xogholjiet rimedjali. Ghalhekk anki dwar din il-parti tal-aggravju din il-Qorti ma ssib xejn nieqes mill-ekwita fid-decizjoni tat-Tribunal appellata.

Finalment il-Qorti rat li huwa minnu li fl-atti ma tressqux provi sufficjenti sabiex it-Tribunal ikun jista' jidentifika dawk ix-xoghlijiet li suppost kellhom jergghu isiru mill-gdid u dawn kemm gew jiswew. Fil-fatt il-konvenut appellant kull ma ghamel tefa' ammont fil-kontro-talba li bl-ebda mod ma gie ppruvat. Fl-ircevuti li pprezenta hemm bosta xoghlijiet ohra li ma ghandhomx x'jaqsmu ma dak li allegatament kellu jerga' jsir u wkoll ma tressaqx rapprezentant tal-kumpanija li hargitha sabiex almenu jghid ghalfejn ix-xoghlijiet kellhom jergghu isiru u kemm swew. It-Tribunal kellu ghalhekk raguni li jichad il-kontro-talba tal-konvenut appellant la darba ma gietx sufficjentement ippruvata.

Illi dak suespost igib fix-xejn l-aggravji tal-appellant b'dana li din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad il-kontenut kollu tal-aggravji tal-appellant.

10. Illi l-appellat iqajjem ukoll il-kwistjoni li dan l-appell ghandu jigi kkunsidrat minn din il-Qorti frivolu vessatorju. Din il-Qorti rat li verament meta wiehed jara l-ammonti involuti u wkoll il-kjarezza tad-decizjoni tal-ewwel Tribunal, li dan l-appell seta verament gie evitat u b'hekk jigu evitati spejjez ulterjuri u hin kemm ghall-Qorti kif ukoll ghall-partijiet. Ghalhekk l-ispejjez ta' dan l-appell ser jigu kollha akkollati lill-appellant konvenut. Din il-Qorti izda tqis li ma ghandhiex tmur sal-estremita' lil tiddikjarah frivolu u vessatorju in vista tal-

ammont minimu involut fit-talba u tiftah ulterjorment il-gerha bejn il-partijiet.

<u>Decizjoni</u>

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi dan l-appell, billi tilqa' r-risposta tal-attur appellat sakemm din hija kompatibbli ma' dak hawn deciz u tghaddi sabiex tichad l-aggravji u konsegwentement l-appell tal-konvenut appellant.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**Deputat Registratur**